Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/244

28.2.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/244

## tas-27 ta’ Novembru 2023

## dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1323 ([2]), il-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fid-9 ta’ Lulju 2023, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard.

(2) F’konformità mal-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova, f’isem l-Unjoni, wara li tikkonsulta mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 207(3) tat-Trattat, modifiki għall-Ftehim li jridu jiġu adottati permezz ta’ proċedura simplifikataskont l-Artikolu 14.4 jew 18.33, jew l-Artikolu 24.3, il-punt (h) jew (i), tal-Ftehim.

(3) Il-Ftehim, f’konformità mal-Artikolu 27.6 tiegħu, fl-Unjoni ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont id-dritt internazzjonali pubbliku.

(4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (‘il-Ftehim’) huwa b’dan approvat f’isem l-Unjoni ([3]).

*Artikolu 2*

Għall-finijiet tal-Artikoli 14.4 u l-Artikolu 24.3, il-punt (h), tal-Ftehim, il-modifiki, ir-rettifiki jew l-emendi fir-rigward tal-Anness 14 tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f’isem l-Unjoni wara li tikkonsulta mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 207(3) tat-Trattat.

*Artikolu 3*

Għall-finijiet tal-Artikoli 18.33 u l-Artikolu 24.3, il-punt (i), tal-Ftehim, l-emendi tal-Anness 18-A jew 18-B tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f’isem l-Unjoni wara li tikkonsulta mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 207(3) tat-Trattat.

([1]) Approvazzjoni tat-22 ta’ Novembru 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1323 tas-27 ta’ Ġunju 2023 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 48).
([3]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2024/229, 28.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree/2024/229/oj.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 27.2(1) tal-Ftehim ([4]).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
X. MÉNDEZ BÉRTOLO

---

([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.